



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2011/0370(COD)**

16.11.2012

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva  
(COM(2011)0785 – C7-0435/2011 – 2011/0370(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Barbara Matera

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### Kuntest

Il-Kummissjoni, fid-deskrizzjoni qasira tagħha għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss għall-perjodu 2014-2020, iddeċidiet li l-appoġġ għas-setturi kulturali u kreattivi għandu jibqa' element essenzjali tal-pakkett finanzjarju li jmiss u pproponiet programm qafas uniku "Ewropa Kreattiva", li jgħaqqad il-programmi attwali Kultura, MEDIA u MEDIA Mundus, u jinkludi **faċilità finanzjarja ġdida li ttejjeb l-aċċess għall-finanzi għal intrapriżi ta' daqs żgħir u medju** (SME) u organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi. Is-setturi huma elementi fundamentali għal Ewropa 2020 u l-QFP li jmiss, skont ir-risoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Mejju 2011 (2010/2156)

Is-setturi kulturali u kreattivi jinkludu b'mod partikolari, iżda mhux limitati għal, l-arkitettura u d-diżinn, l-arti u s-snajja, l-awdjoviżiv u l-multimidja, il-kotba u l-istampa, il-wirt kulturali u l-arkivji, il-libreriji, il-mużika, l-arti tal-ispettaklu, il-videogames u l-arti viżiva. Is-setturi jagħtu kontribut importanti għall-**impjiegi u t-tkabbir** fl-Ewropa, u fl-2008 kienu jirrappreżentaw **4.5% tal-PDG totali tal-Ewropa** u kienu jiġbru fihom **3.8% tal-forza tax-xogħol (8.5 miljuni impjiegi)**. Lil hinn mill-kontribuzzjoni diretta tagħhom għall-PDG, dawn joħolqu effetti indiretti f'setturi oħra tal-ekonomija bħat-turiżmu u jformu l-kontenut għall-ICT. F'sens aktar wiesa', il-kreattività se jkollha rwol essenzjali fl-edukazzjoni moderna u se tikkontribwixxi għall-oġettivi Ewropa 2020. Din se tmexxi l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, kif ukoll it-tkabbir intelliġenti u sostenibbli u tikkontribwixxi għall-inklużjoni soċjali.

### Baġit

Il-baġit propost għall-qafas Ewropa Kreattiva għall-QFP li jmiss jammonta għal **EUR 1,8 biljun**, meta mqabbel mal-ammont ta' **EUR 1,17 biljun** fil-QFP attwali għat-tliet programmi – Kultura (EUR 400 miljun), Midja (EUR 255 miljun) u Media Mundus (EUR 15 miljun) – li għandhom jinġabru taħt intestatura waħda. Il-programm il-ġdid huwa mistenni li se jikkonsisti fi tliet taqsimiet, bl-allokazzjoni li ġejja: 15 % għat-Taqsima Transettorjali, 30 % għat-Taqsima Kultura u 55 % għat-Taqsima MEDIA. Ir-Rapporteur tilqa' ż-żieda proposta tal-pakkett baġitarju fil-livell tal-Unjoni għas-settur kulturali u dak kreattiv. Fl-istess ħin, ir-Rapporteur tenfasizza li l-persentaġġ ippjanat tad-distribuzzjoni tal-fondi għandu jiġi inkluż fit-test leġislativ, u mhux biss fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġislativa annessa. Bl-istess mod, id-deskrizzjoni dettaljata tal-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-Faċilità (finanzjarja) għas-Setturi Kulturali u Kreattivi għandha tkun koperta mit-test leġislativ. Barra minn hekk, ir-Rapporteur tindika li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġislativa jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġislativa u dan ma jistax ikun iffissat sakemm jintlaħaq qbil fuq il-proposta għal regolament dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

### Objettivi

L-għanijiet ġenerali tal-Programm se jkunu: (i) li jissalvagwardja u jippromwovi d-diversità kulturali u lingwistika Ewropea u (ii) li jsaħħaħ il-kompetittività tas-settur; b'hekk dan se jikkontribwixxi għall-Istrateġija tal-UE 2020 u l-inizjattivi ewlenin tagħha. L-oġettivi speċifiċi huma dawk li ġejjin:

- l-appoġġ għall-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej biex joperaw b'mod transnazzjonali inkluż permezz tat-tiżni tar-relazzjonijiet u n-netwerks bejn l-operaturi;
- il-promozzjoni ta' ċirkolazzjoni transnazzjonali tax-xogħlijiet u l-operaturi kulturali u kreattivi u l-ilħuq ta' udjenzi ġodda fl-Ewropa u lil hinn;
- it-tiżni tal-kapaċità finanzjarja tas-setturi kulturali u kreattivi;
- l-appoġġ tal-kooperazzjoni politika transnazzjonali sabiex jittrawmu l-iżvilupp tal-politika, l-innovazzjoni, il-bini tal-udjenza u mudelli ġodda ta' negozju.

**Ir-Rapporteur temmen li l-aspetti internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi mhumiex spjegati biżżejjed, u partijiet sinifikanti tal-programm Media Mundus ma jinstabux, għalhekk, fil-proposta tal-Kummissjoni. Ir-Rapporteur għandha l-ħsieb li tintroduċi mill-ġdid l-elementi ewlenin tal-kooperazzjoni globali fil-proposta leġiżlattiva.**

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Kultura, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1a (ġdid)

*Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva*

*Emenda*

***1a. Jirrimarka li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġiżlattiva hu biss indikazzjoni lill-awtorità leġiżlattiva u ma jistax jiġi stabbilit sakemm ma jintlaħaq qbil rigward il-proposta għal regolament li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020;***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Iċ-ċifri fil-bażijiet legali tematiċi ma jistgħux jitqiesu bħala finali, waqt li jkunu għadhom għaddejnin in-negozjati dwar il-QFP, skont il-prinċipju "xejn mhu deċiż, sakemm jiġi deċiż kollox".*

### Emenda 2

#### Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1b (ġdid)

*Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva*

*Emenda*

***1b. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (QFP) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva"<sup>1</sup>; itenni li jinħtieġu biżżejjed riżorsi addizzjonali fil-QFP li jmiss sabiex l-Unjoni tkun tista' tilħaq il-prijoritajiet eżistenti tal-politika tagħha u twettaq il-kompiti l-ġodda previsti mit-Trattat ta' Lisbona, kif ukoll***

*sabiex tindirizza sitwazzjonijiet mhux mistennija; iħeġġeġ lill-Kunsill, f'każ li ma jaqbilx ma' dan l-approċċ, jidentifika b'mod ċar liema mill-prijoritajiet politiċi jew mill-proġetti tiegħu jista' jiġu abbandunati totalment, minkejja l-garanzija ta' valur miżjud Ewropew tagħhom; jindika li anke b'żieda ta' 5 % fil-livell tar-riżorsi għall-QFP li jmiss meta mqabbel mal-livell tal-2013, tkun tista' ssir biss kontribuzzjoni limitata għall-ilħuq tal-objettivi u l-impenji miftiehma tal-Unjoni u għall-prinċipju tas-solidarjetà tal-Unjoni;*

<sup>1</sup> *Testi adottati, P7\_TA(2011)0266.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Jekk il-Kunsill inqaqqas l-ammonti tal-QFP, il-PE jħeġġu jidentifika "prijoritajiet negattivi" minkejja l-valur miżjud ippruvat tagħhom u l-kompiti ġodda li l-Unjoni trid twettaq wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Premessa 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) It-Trattat għandu l-għan li jgħib l-unjoni eqreb fost il-popli tal-Ewropa u jikkonferixxi lill-Unjoni l-kompitu, fost l-oħrajn, li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess ħin tiżgura li jeżistu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-Unjoni, fejn meħtieġ, tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri li **jirrispettaw** id-diversità kulturali u lingwistika, isaħħu l-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej u jiffaċilitaw l-adattament għat-tibdil industrijali, b'mod

##### *Emenda*

(1) It-Trattat għandu l-għan li jgħib l-unjoni eqreb fost il-popli tal-Ewropa u jikkonferixxi lill-Unjoni l-kompitu, fost l-oħrajn, li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess ħin tiżgura li jeżistu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-Unjoni, fejn meħtieġ, tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri li **jippromwov**u d-diversità kulturali u lingwistika, isaħħu l-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej u jiffaċilitaw l-adattament għat-tibdil industrijali, b'mod

partikolari permezz tat-taħriġ vokazzjonali.

partikolari permezz tat-taħriġ vokazzjonali.

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 7**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-Istrateġija Ewropea għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (Strateġija Ewropa 2020) tiddefinixxi strateġija li għandha l-għan li tbiddel l-Unjoni f'ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklussiva li tagħti livelli għoljin ta' impjieġ, produttività u koeżjoni soċjali. F'din l-istrateġija, il-Kummissjoni nnotat li l-Unjoni teħtieġ tipprovdi kundizzjonijiet qafas aktar attraenti għall-innovazzjoni u l-kreattività, inkluż permezz ta' inċentivi għat-tkabbir ta' ditti kummerċjali bbażati fuq l-għarfien u aċċess akbar għall-finanzi għas-setturi kulturali u kreattivi.

###### *Emenda*

(7) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-Istrateġija Ewropea għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (Strateġija Ewropa 2020) tiddefinixxi strateġija li għandha l-għan li tbiddel l-Unjoni f'ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklussiva li tagħti livelli għoljin ta' impjieġ, produttività u koeżjoni soċjali. F'din l-istrateġija, il-Kummissjoni nnotat li l-Unjoni teħtieġ tipprovdi kundizzjonijiet qafas aktar attraenti għall-innovazzjoni u l-kreattività, inkluż permezz ta' inċentivi għat-tkabbir ta' ditti kummerċjali bbażati fuq l-għarfien u aċċess akbar għall-finanzi għas-setturi kulturali u kreattivi.

***Mandankollu, l-abbiltà tal-operaturi kulturali li joperaw madwar l-Ewropa ġiet ristretta ħafna minħabba t-tnaqqis ta' finanzjament mis-sorsi nazzjonali.***

***Għalhekk, il-miri għall-impjiegi u l-industriji kreattivi ma jistgħux jintlaħqu, jekk il-fondi għall-mobbiltà kreattiva u l-interazzjoni kreattiva madwar l-Ewropa u lil hinn ma jiżdiedux b'mod sinifikanti.***

###### *Ġustifikazzjoni*

*Il-kriżi finanzjarja kkawżat it-tnaqqis tal-fondi għas-setturi kreattivi u kulturali fil-livell nazzjonali; għalhekk, il-fondi Ewropej jistgħu jagħmlu tajjeb b'mod parzjali dan it-telf.*

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 11**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Il-bidla diġitali qed ikollha impatt massiv fuq kif il-prodotti u s-servizzi kulturali u kreattivi jsiru, jiġu disseminati, aċċessati, ikkunsmati u msarrfa. Dawn il-bidliet joffru opportunitajiet kbar għas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej. Spejjeż aktar baxxi għad-distribuzzjoni, kanali ġodda ta' distribuzzjoni u opportunitajiet ġodda għal prodotti speċjalizzati jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess u jżidu ċ-ċirkolazzjoni fid-dinja. Sabiex jieħdu dawn l-opportunitajiet u jadattaw għall-kuntest tal-bidla diġitali u l-globalizzazzjoni, is-setturi kulturali u kreattivi jeħtieġu jiżviluppaw ħiliet ġodda u jeħtieġu aċċess akbar għall-finanzi sabiex itejbu t-tagħmir, jiżviluppaw metodi ġodda ta' produzzjoni u distribuzzjoni u jadattaw il-mudelli tan-negozju tagħhom.

### **Emenda 6**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 13**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Waħda mill-akbar sfidi tas-setturi kulturali u kreattivi, speċjalment operaturi żgħar inklużi l-impriżi żgħar u medji (SME) u mikrointrapriżi, hija d-diffikultà tagħhom biex jaċċessaw il-fondi li jeħtieġu biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom, **jikbru, iżommu** l-kompetittività tagħhom jew jinternazzjonalizzaw ruħhom. Filwaqt li din hija sfida komuni għall-SMEs b'mod ġenerali, is-sitwazzjoni hija ferm aktar diffiċli fis-setturi kulturali u kreattivi minħabba n-natura intanġibbli ta' ħafna mill-assi tagħhom, il-profil tal-prototip tal-attivitajiet tagħhom, in-nuqqas ta' pronteżza tal-operaturi biex jinvestu fis-setturi kif ukoll in-nuqqas ta' pronteżza tal-

### *Emenda*

(11) Il-bidla diġitali qed ikollha impatt massiv fuq kif il-prodotti u s-servizzi kulturali u kreattivi jsiru, jiġu disseminati, aċċessati, ikkunsmati u msarrfa. Dawn il-bidliet joffru opportunitajiet kbar għas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej. Spejjeż aktar baxxi għad-distribuzzjoni, kanali ġodda ta' distribuzzjoni u opportunitajiet ġodda għal prodotti speċjalizzati jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess u jżidu ċ-ċirkolazzjoni fid-dinja. Sabiex jieħdu **vantaġġ sħiħ minn** dawn l-opportunitajiet u jadattaw għall-kuntest tal-bidla diġitali u l-globalizzazzjoni, is-setturi kulturali u kreattivi jeħtieġu jiżviluppaw ħiliet ġodda u jeħtieġu aċċess akbar għall-finanzi sabiex itejbu t-tagħmir, jiżviluppaw metodi ġodda ta' produzzjoni u distribuzzjoni u jadattaw il-mudelli tan-negozju tagħhom.

### *Emenda*

(13) Waħda mill-akbar sfidi tas-setturi kulturali u kreattivi, speċjalment operaturi żgħar inklużi l-impriżi żgħar u medji (SME) u mikrointrapriżi, hija d-diffikultà tagħhom biex jaċċessaw il-fondi li jeħtieġu biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom **ħalli jżommu** l-kompetittività **u t-*tkabbir*** tagħhom jew jinternazzjonalizzaw ruħhom. Filwaqt li din hija sfida komuni għall-SMEs b'mod ġenerali, is-sitwazzjoni hija ferm aktar diffiċli fis-setturi kulturali u kreattivi minħabba n-natura intanġibbli ta' ħafna mill-assi tagħhom, il-profil tal-prototip tal-attivitajiet tagħhom, in-nuqqas ta' pronteżza tal-operaturi biex jinvestu fis-setturi kif ukoll in-nuqqas ta' pronteżza tal-



istituzzjonijiet finanzjarji biex jinvestu.

istituzzjonijiet finanzjarji biex jinvestu.

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 19a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(19a) L-Unjoni għandha, flimkien mal-Istati Membri, tiegħu l-passi meħtieġa biex tiżgura kooperazzjoni tajba fis-setturi kulturali u kreattivi ma' pajjiżi terzi (qabel il-programm Media Mundus) u ma' organizzazzjonijiet u entitajiet multilaterali u reġjonali, inklużi, iżda mhux limitat għal, istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, fondi u programmi, fondazzjonijiet privati u politiċi u donaturi mhux tal-Unjoni.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Peress li fil-QFP li jmiss, il-programm Media Mundus ġie integrat fil-qafas komuni, il-prijoritajiet tiegħu - il-koooperazzjoni internazzjonali u l-projezzjoni ta' prodotti kulturali Ewropej fid-dinja - ma għandhomx jiġu abbandunati.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 21

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(21) Dan ir-Regolament jistabbilixxi għat-tul kollu tal-Programm, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza **primarja**, skont it-tifsira tal-punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' XX/YY/201Z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-koooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja soda, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali.

(21) Dan ir-Regolament jistabbilixxi għat-tul kollu tal-Programm, pakkett finanzjarju **indikattiv** li jikkostitwixxi r-referenza **finanzjarja**, skont it-tifsira tal-punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' XX/YY/201Z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-koooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja soda, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura

baġitarja annwali.

### *Ġustifikazzjoni*

*Tagħmel il-premessa konformi mal-Artikolu 19(1).*

## **Emenda 9**

### **Proposta għal regolament Premessa 23**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Programm, in-natura speċifika tas-setturi kulturali u kreattivi għandha tiġi kkunsidrata, **u** għandha tingħata attenzjoni partikolari biex tiżgura li l-proċeduri amministrattivi u finanzjarji jiġu simplifikati.

#### *Emenda*

(23) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Programm, in-natura speċifika tas-setturi kulturali u kreattivi għandha tiġi kkunsidrata. ***Għandu jingħata, b'mod partikolari, aċċess għall-Programm lil entitajiet żgħar u ta' daqs medju, u dan l-aċċess ma għandux jiġi limitat għall-operaturi l-kbar biss. Il-Programm għandu jappoġġa mhux biss il-proġetti pluriennali, iżda wkoll inizjattivi ta' terminu qasir u ta' terminu medju.*** Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li l-proċeduri amministrattivi u finanzjarji jiġu simplifikati.

### *Ġustifikazzjoni*

*Minħabba n-natura tas-setturi kulturali u kreattivi, il-proġetti u l-inizjattivi żgħar u ta' daqs medju ma għandhomx jiġu esklużi mill-ambitu tal-proġett, peress li dawn jikkontribwixxu għall-kreattività u d-diversità li huma essenzjali għat-trawwim tal-kultura Ewropea.*

## **Emenda 10**

### **Proposta għal regolament Premessa 29**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Għandhom isiru provvedimenti għal miżuri li jikkontrollaw it-tranżizzjoni mill-Programmi Kultura 2007, MEDIA 2007 u MEDIA Mundus għall-Programm stabbilit

#### *Emenda*

(29) Għandhom isiru provvedimenti għal miżuri li jikkontrollaw it-tranżizzjoni mill-Programmi Kultura 2007, MEDIA 2007 u MEDIA Mundus għall-Programm stabbilit

f'dan ir-Regolament.

f'dan ir-Regolament. **Madankollu, fil-fażi ta' tranżizzjoni kif ukoll f'dik operattiva tal-Programm komuni ġdid, il-fokus u l-objettivi individwali ta' kull wieħed minn dawn il-programmi (Kultura, Media u Media Mundus) ma għandhomx jitnaqqsu.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Peress li fil-QFP li jmiss, il-programm Media Mundus ġie integrat fil-qafas komuni, il-prijoritajiet tiegħu, il-koooperazzjoni internazzjonali u l-projezzjoni ta' prodotti kulturali Ewropej fid-dinja – ma għandhomx jiġu abbandunati.*

#### **Emenda 11**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 7 - titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-Faċilità tas-Setturi Kulturali u Kreattivi

Il-Faċilità **Finanzjarja** tas-Setturi Kulturali u Kreattivi

#### *Ġustifikazzjoni*

*In-natura "finanzjarja" tal-istrument ta' appoġġ il-ġdid għandha tidher fit-titolu.*

#### **Emenda 12**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. Il-prijoritajiet għandhom jiġu implimentati kif definit fl-Anness I.**

**2. Il-Faċilità Finanzjarja hija strument ta' dejn li jipprovdi garanziji, għarfien u kapaċità tekniċi sabiex jiġu evalwati u koperti r-riskji u, potenzjalment, solliev kapitali, għall-proġetti fis-setturi kulturali u kreattivi permezz ta' opportunitajiet ta' ingranaġġ għall-intermedjarji finanzjarji.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-Faċilità Finanzjarja għandha tiġi deskritta fid-dettall mhux biss fl-Anness jew fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja iżda l-aktar fit-test leġiżlattiv.*

## **Emenda 13**

### **Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. L-intermedjarji finanzjarji magħżula għal appoġġ għandhom jikkonformaw mal-aħjar prassi tas-suq, fid-dawl tad-diffikultà li jiġi evalwat ir-riskju fil-proġetti kreattivi, u għandhom ikunu bbażati fuq il-volum tal-finanzjament ta' dejn disponibbli għall-operaturi kulturali jew kreattivi u fuq il-kapaċità ta' dawn tal-aħħar li jaċċedu għall-finanzjament, għal finanzjament ta' riskju u għal finanzjament addizzjonali disponibbli għall-intermedjarji finanzjarji għall-appoġġ tal-operaturi kulturali u kreattivi.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Faċilità Finanzjarja għandha tiġi deskritta fid-dettall mhux biss fl-Anness jew fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja iżda l-aktar fit-test leġiżlattiv.*

## **Emenda 14**

### **Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2b. Il-garanziji individwali jista' jkollhom maturità sa 10 snin. Skont l-Artikolu XX.X tar-Regolament (UE) XX/2012 [dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni], id-dħul u r-rimborsi maħluqa mill-garanziji għandhom ikunu assenjati mill-ġdid għall-Faċilità Finanzjarja. Għall-faċilitajiet finanzjarji diġà stabbiliti fil-qafas finanzjarju pluriennali preċedenti, id-dħul u r-rimborsi maħluqa mill-operazzjonijiet li nbdew fil-perjodu***

*preċedenti għandhom ikunu assenjati għall-Faċilità Finanzjarja fil-perjodu attwali.*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Faċilità Finanzjarja għandha tiġi deskritta fid-dettall mhux biss fl-Anness jew fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja iżda l-aktar fit-test leġiżlattiv.*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 2c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2c. Il-bini tal-kapaċità taħt il-Faċilità Finanzjarja huwa essenzjalment il-provvista ta' servizzi ta' esperti lill-intermedjarji finanzjarji li jiffirmaw ftehim ta' faċilità taħt il-Faċilità Finanzjarja għas-Setturi Kulturali u Kreattivi, bl-objettiv li kull intermedjarju finanzjarju jingħata kompetenzi u kapaċità addizzjonali biex jevalwa r-riskji assoċjati mal-finanzjament tas-setturi kulturali u kreattivi. Addizzjonalment, l-operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi għandhom jibbenefikaw minn dan il-bini tal-kapaċità bl-iżvilupp tal-ħiliet xierqa biex ifasslu pjanijiet tan-negozju u jippreparaw tagħrif preċiż tal-proġetti tagħhom li jistgħu jgħinu lill-intermedjarju finanzjarju jevalwa l-proġetti kulturali u kreattivi f'mod effiċjenti.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Faċilità Finanzjarja għandha tiġi deskritta fid-dettall mhux biss fl-Anness jew fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja iżda l-aktar fit-test leġiżlattiv.*

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2d (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2d. L-allokazzjoni baġitarja għandha tkopri l-ispiża sħiħa tal-Faċilità Finanzjarja, inklużi l-obbligi tal-ħlas lejn l-intermedjarji finanzjarji bħat-telf mill-garanziji, it-tariffi tal-ġestjoni għall-Fond Ewropew tal-Investment li jiġġestixxi r-riżorsi tal-Unjoni, kif ukoll kwalunkwe spejjeż oħra eliġibbli.**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Faċilità Finanzjarja għandha tiġi deskritta fid-dettall mhux biss fl-Anness jew fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja iżda l-aktar fit-test leġiżlattiv.*

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2e (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2e. Kull intermedjarju finanzjarju għandu jipprovdi livell xieraq ta' viżibbiltà u trasparenza għall-appoġġ mogħti mill-Unjoni, inkluż tagħrif xieraq dwar l-opportunitajiet finanzjarji mqiegħda għad-disponibilità mill-Programm. Għandu jkun żgurat li l-benefiċjarji finali jkunu informati b'mod xieraq dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli.**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Faċilità Finanzjarja għandha tiġi deskritta fid-dettall mhux biss fl-Anness jew fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja iżda l-aktar fit-test leġiżlattiv.*

## **Emenda 18**

### **Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2f (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2f. Il-mira għall-volum ta' garanziji  
finanzjarji fil-qafas tal-Faċilità  
Finanzjarja għall-2020 għandha tkun self  
b'valur ta' EUR 1 biljun.**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Faċilità Finanzjarja għandha tiġi deskritta fid-dettall mhux biss fl-Anness jew fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja iżda l-aktar fit-test leġiżlattiv. Il-mira għall-Faċilità għandha tiġi stabbilita bħala fattur kwantitattiv.*

## **Emenda 19**

### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(da) it-titjib tal-kompetittività tal-  
industrija awdjoviżiva Ewropea u d-  
distribuzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej barra  
mill-Ewropa u ż-żieda tad-domanda tal-  
pubbliku għal kontenut awdjoviżiv  
kulturali diversifikat.**

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-kuntest tal-appoġġ għaċ-ċirkulazzjoni ta' prodotti ta' midja Ewropej, huwa importanti li tiġi appoġġata l-kompetittività tal-industrija awdjoviżiva Ewropea u tiġi promossa d-domanda għal dan il-kontenut awdjoviżiv sabiex tiġi ffaċċjata l-kompetizzjoni mill-Istati Uniti u l-kompetizzjoni li dejjem qed tikber mill-Asja.*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1. Il-pakkett** finanzjarju għall-

**1. Skont it-tifsira tal-punt [17] tal-Ftehim**

implimentazzjoni ta' dan il-Programm għall-perjodu stabbilit fl-Artikolu 1 (1) huwa stabbilit għal EUR 1 801 000 000.

*Interistituzzjonali tal-.../... bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja soda, l-ammont ta' referenza primarju għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali f'termini tal-pakkett* finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan il-Programm għall-perjodu stabbilit fl-Artikolu 1 (1) huwa stabbilit għal EUR 1 801 000 000.

#### *Ġustifikazzjoni*

*It-tqassim tal-Programm għat-tliet taqsimiet għandu jiġi inkluż fil-proposta leġiżlattiva sabiex jiġi żgurat finanżjament xieraq u adegwat għall-prijoritajiet kollha.*

#### **Emenda 21**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet annwali disponibbli mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill li jstabilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin bejn l-2014 u l-2020 u l-Ftehim Interistituzzjonali ta' xxx/201z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja soda.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-emenda hija intiża sabiex tirrinforza r-rwol tal-Parlament Ewropew bħala awtorità baġitarja fil-proċedura baġitarja annwali.*



## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Programm Ewropa Kreattiva
<b>Referenzi</b>	COM(2011)0785 – C7-0435/2011 – 2011/0370(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 30.11.2011
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 30.11.2011
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Barbara Matera 6.2.2012
<b>Data tal-adozzjoni</b>	15.11.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 23 –: 2 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Zuzana Brzobohatá, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, George Lyon, Barbara Matera, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, Derek Vaughan
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	François Alfonsi, Jürgen Klute, Peter Šťastný, Georgios Stavrakakis, Nils Torvalds